

SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tieni Awla)

12 ta' Diċembru 2007^{*}

Fil-Kawża T-112/05

Akzo Nobel NV, stabbilita f'Arnhem (l-Olanda),

Akzo Nobel Nederland BV, stabbilita f'Arnhem,

Akzo Nobel Chemicals International BV, stabbilita f' Amersfoort (L-Olanda),

Akzo Nobel Chemicals BV, stabbilita f'Amersfoort,

Akzo Nobel Functional Chemicals BV, stabbilita f'Amersfoort, inizjalment irappreżentati minn C. Swaak u J. de Gou, imbagħad minn Swaak, M. van der Woude u M. Mollica, avukati,

rikorrenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

vs

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn A. Whelan u F. Amato, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/566/KE tad-9 ta' Diċembru 2004, dwar proċedura għall-applikazzjoni ta'l-Artikolu 81 KE u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/E-2/37.533 — Kloru tal-kolin) (sunt fil-ĠU 2005, L 190, p. 22),

**IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (It-Tieni Awla),**

komposta minn A. W. H. Meij, aġent President, N. J. Forwood u S. Papasavvas, Imħallfin,

Reġistratur: C. Kantza, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Frar 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

- ¹ Permezz ta' deċiżjoni 2005/566/KE, tad-9 ta' Diċembru 2004, dwar proċedura għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 KE u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/E-2/37.533 — Kloru tal-kolin), (riassunt fil-ĠU 2005, L 190, p. 22, iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni”), il-Kummissjoni qalet li diversi impriżzi kienu kisru l-Artikolu 81(1) KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-Żona Ekonika Ewropea (ŻEE) billi ħadu sehem f'numru ta' akkordji u prattiċi miftehma li kienu jirrigwardaw l-iffissar tal-prezzijiet, it-tqassim tas-swieq u azzjonijiet miftehma kontra l-kompetituri fis-settūr tal-kloru tal-kolin fiż-ŻEE (Artikolu 1 tad-Deċiżjoni).
- ² Fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni tgħid li l-kloru tal-kolin jifforma parti mill-grupp ta' vitaminī idrosolubbi B kumplessi (vitamina B 4). Dan huwa prinċipalment użat fl-industrija ta' l-alimentazzjoni ta' l-annimali (tjur u majjali) bħala additiv alimentari. Dan huwa kkummerċjalizzat kemm bħala soluzzjoni 70 % likwida, kif ukoll bħala trab fuq bażi ta' ċereali mnixxa jew ta' silika b'konsistenza ta' bejn 50 u 60 %. Il-parti tal-kloru tal-kolin li ma tintużax bħala additiv alimentari għall-annimali hija rrafinata sabiex jinkiseb prodott ta' purità ikbar (kwalità farmaċewtika). Minbarra l-produtturi, is-suq tal-kloru tal-kolin jirrigwarda, minn naħħa, il-proċessuri, li jixtru l-prodott mingħand il-produtturi f'forma likwida u jipproċessaww fi kloru tal-kolin kemm f'isem il-produttur kif ukoll għalihom stess, u, min-naħħa l-oħra, id-distributuri.

- 3 Mit-tielet premessa tad-Deċiżjoni jirriżulta li l-Kummissjoni bdiet investigazzjoni fuq livell dinji dwar is-settur tal-kloru tal-kolin, wara li f'April 1999 irċiviet talba, min-naħħa tal-produttur Amerikan Bioproducts, sabiex jiġu applikati miżuri ta' klementa. L-investigazzjoni kopriet il-perijodu ta' bejn l-1992 u tmiem l-1998. Fil-premessa 45 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tindika li l-produttur Kanadiż Chinook kien digħi kkuntattjaha fil-25 ta' Novembru u fit-3 u s-16 ta' Diċembru 1998 dwar l-akkordju in kwistjoni, iżda hija kienet għadha ma fetħitx l-investigazzjoni sa dak iż-żmien.
- 4 F'dak li jirrigwarda ż-ŻEE, l-akkordju in kwistjoni implementat, skond il-premessa 64 tad-Deċiżjoni, fuq żewġ livelli differenti, iżda marbuta strettament, il-livell dinji u l-livell Ewropew. Fuq livell dinji, il-produtturi Bioproducts (l-Istati Uniti), Chinook (il-Kanada), Chinook Group Ltd (il-Kanada), DuCoa (l-Istati Uniti), BASF AG (il-Ġermanja), UCB SA (il-Belġju) u r-rikorrenti, ġumes kumpanniji tal-grupp Akzo Nobel (l-Olanda), ħadu sehem direttament jew indirettament f'attivitajiet antikompetittivi bejn Ġunju 1992 u April 1994. Essenzjalment, dawn l-attivitajiet kellhom l-iskop li jżidu l-prezzijiet fuq livell dinji, b'mod partikolari fiż-ŻEE, u li jikkontrollaw lill-proċessuri, b'mod partikolari fiż-ŻEE, sabiex jiġi ggarantit li dawn ma jqegħdu x-fperiku ż-żiediet miftehma u sabiex jaqsmu s-suq dinji bl-irtirar tal-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq mis-suq Ewropew bħala kontroparti ta' l-irtirar tal-produtturi Ewropej mis-suq ta' l-Amerika ta' Fuq. Il-Kummissjoni identifikat disa' laqgħat ta' l-akkordju fuq livell dinji bejn Ġunju 1992 (f'Mexico City, il-Messiku) u April 1994 (f'Johor Bahru, il-Malażja). L-iktar laqgħa importanti kienet dik li saret f'Ludwigshafen (il-Ġermanja) f'Novembru 1992.
- 5 Kienu biss il-produtturi Ewropej (BASF AG, UCB SA u r-rikorrenti) li ħadu sehem fil-laqgħat li implementaw l-akkordju fuq livell Ewropew, li dam fis-seħħ minn Marzu 1994 sa Ottubru 1998. Il-Kummissjoni identifikat ħmistax-il laqa' f'dan ir-rigward bejn Marzu 1994 (f'Schoten, il-Belġju) u Ottubru 1998 (fi Brussell, il-Belġju jew f'Aix-la-Chapelle, il-Ġermanja). Skond il-premessa 65 tad-Deċiżjoni, dawn il-laqgħat

servew sabiex jiġi segwit il-ftehim konkluż fuq livell dinji. Dawn kellhom bħala skop iż-żieda regolari tal-prezzijiet fiż-ŻEE kollha flimkien mal-qsim tas-swieq u t-tqassim tal-klijenti individwali, kif ukoll il-kontroll tal-proċessuri fl-Ewropa sabiex jinżamm livell għoli tal-prezzijiet.

- 6 Skond l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-arranġamenti dinija u l-arranġamenti Ewropej kollha kienu jidħlu, f'dak li jirrigwarda ż-ŻEE, fil-kuntest ta' proġett globali li stabbilixxa l-linji ta' azzjoni tal-membri ta' l-akkordju u li kien jillimita l-agħir kummerċjali individwali tagħhom bil-għan li jiġi segwit għan ekonomiku antikompetitiv uniku, jiġifieri dak li jiġu distorti l-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni fiż-ŻEE. Għalhekk, skond il-Kummissjoni, l-arranġamenti konklużi fuq livell dinji u Ewropew għandhom jitqiesu bħala ksur kumpless u kontinwat uniku li jirrigwarda ż-ŻEE, fliema ksur il-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq ħadu sehem matul ċertu żmien u l-produtturi Ewropej ħadu sehem matul il-perijodu kollu in kwistjoni.
- 7 F'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tad-destinatarji tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni qalet, fil-premessa 166 tagħha, li r-rikorrenti, BASF, Bioproducts, Chinook, DuCoa u UCB kellhom iġorru r-responsabbiltà tal-ksur. Min-naħħa l-oħra, id-Deċiżjoni ma ġietx diretta kontra Ertisa, kumpannija Spanjola li kellha 50 % tas-suq Spanjol, peress li l-Kummissjoni qieset, fil-premessa 178, li globalment, il-provi ma kinux suffiċjenti sabiex din tinsab responsabbli tal-fatti allegati.
- 8 Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ordnat lill-impriżi indirizzati mid-deċiżjoni sabiex minnufih iwaqfu l-ksur imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni safejn dawn ma kinux waqfu minn tali aġir, u sabiex minn issa 'l quddiem, jieqfu milli jagħmlu l-atti jew jadottaw l-aġir li jikkostitwixxi ksur li kien identifikat, kif ukoll kull miżura li kellha skop jew effett identiku jew ekwivalenti.

- 9 Fir-rigward ta' l-impożizzjoni tal-multi, il-Kummissjoni qieset li l-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq (Bioproducts, Chinook u DuCoa) kienu waqfu jieħdu sehem fil-ksur sa mhux iktar tard mill-20 ta' April 1994, wara li ntemmet il-laqgħa ta' Johor Bahru (ara l-punt 4 iktar 'il quddiem). Skond il-premessa 165 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex provi li jindikaw li kienu nżammu laqgħat oħra jew kuntatti li ħadu sehem fihom il-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq u li permezz tiegħu dawn kienu stabilixxew il-prezzijiet għaż-ŻEE jew ikkonfermaw l-impenn inizjali tagħhom li ma jesportawx lejn l-Ewropa. Peress li l-ewwel att tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dan il-ksur huwa tas-26 ta' Mejju 1999, jiġifieri iktar minn ġumes snin wara t-tmiem tal-parteċipazzjoni tal-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq, il-Kummissjoni ma imponiet l-ebda multa fuq dawn il-produtturi, skond l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2988/74, tas-26 ta' Novembru 1974, li jikkonċerna l-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU L 319, p. 1), u ma' l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU 2003, L 1, p. 1).
- 10 Min-naħħa l-oħra, peress li l-parteċipazzjoni tal-produtturi Ewropej damet sat-30 ta' Settembru 1998, il-Kummissjoni imponiet il-hom multi fl-ammont globali ta' EUR 66.34 miljun.
- 11 F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari, il-grupp Akzo Nobel, il-Kummissjoni ddeċidiet li tindirizza d-deċiżjoni *in solidum* kontra Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Functional Chemicals BV, Akzo Nobel Chemicals BV, Akzo Nobel Chemicals international BV u Akzo Nobel Nederland BV. Dawn l-aħħar tlieta jew il-predeċessuri tagħhom, kienu pparteċipaw direttament fil-ksur. Akzo Nobel Functional Chemicals kienet inħalqet bħala kumpannija sussidjarja ta' Akzo Nobel Chemicals f'Ġunju 1999, meta din ta' l-aħħar saret impriża *holding*. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li Akzo Nobel Functional Chemicals kienet is-suċċessur legali, fir-rigward tal-parti l-kbira ta' l-attivitajiet fis-settur tal-kloru tal-kolin, li kienu preċedentement eżerċitatni mill-kumpannija prinċipali u li, minħabba f'dan, hija kellha tkun ukoll fost id-destin-atarji tad-deċiżjoni.

- ¹² F'dak li jirrigwarda Akzo Nobel, din tikkostitwixxi unità ekonomika flimkien mal-persuni legali l-oħra tal-grupp Akzo Nobel destinatarji tad-deċiżjoni. Hija din l-unita ekonomika li kienet assumiet ir-responsabbilità tal-produzzjoni tal-kloru tal-kolin fiż-ŻEE u li keinet ipparteċipat fl-akkordju. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku l-kumpanniji sussidjarji operattivi ta' Akzo Nobel kienu f'pożizzjoni li jmexxu politika kummerċjali awtonoma matul il-perijodu kkonċernat u li, effettivamente, kienu jagħmlu dan. Issa, Akzo Nobel, mhux talli mhijiex sempliċiment struttura ta' investiment iż-żda talli hija s-sede ta' ċentru ġenerali għall-grupp Akzo Nobel li jikkoordina l-attivitàajiet prinċipali li jirrigwardaw l-istrateġija ġenerali tal-grupp, il-finanzi, il-kwistjonijiet legali u r-riżorsi umani. Abbażi tal-funzjonijiet tagħha, Akzo Nobel kienet effettivament eżerċitat influenza deċiżiva fuq il-politika kummerċjali tal-kumpanniji sussidjarji tagħha, li kienu kollha, direttament jew indirettament 100 % tagħha. Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanniji sussidjarji ta' Akzo Nobel ma kellhomx awtonomija kummerċjali u minħabba f'hekk li tindirizza d-deċiżjoni lil din ta' l-aħħar, minkejja li din ma kinitx ipparteċipat individwalment fl-akkordju (premessa 172 tad-deċiżjoni).
- ¹³ In-nuqqas ta' awtonomija kummerċjali tal-kumpanniji operattivi jew tal-fergħat kummerċjali tal-grupp Akzo Nobel huwa pprovat ukoll mid-dokumenti li Akzo Nobel ippreżzentat matul il-proċedura amministrattiva, intitolati "Programmi u direzzjoni". Mill-imsemmija dokumenti jirriżulta li l-għanijiet tal-grupp kif ukoll il-linji gwida li jirrigwardaw l-istrateġiji kummerċjali tal-fergħat kummerċjali jiġu stabbiliti mill-Bord tad-Diretturi ta' Akzo Nobel. Dawn l-istrateġiji setgħu jiġu approvati biss jekk ikunu konformi mall-pjan strateġiku tal-grupp. Barra minn hekk, il-konfigurazzjoni tal-portafoll fil-kuntest tal-pjan strateġiku kien ukoll deċiż mill-Bord tad-Diretturi ta' Akzo Nobel, filwaqt li l-pjan ta' l-operat ta' kull fergħa kummerċjali kelli jkun konformi mal-linji gwida u ma' l-għanijiet tal-grupp kif definiti mill-imsemmi Bord tad-Diretturi. Fir-rigwarda, fl-aħħar nett, ta' investimenti ta' iktar minn EUR 2.5 miljun, dawn kienu jeħtieġu, skond l-impatt finanzjarju tagħhom, l-approvazzjoni tal-"Board Committee", tal-"Full Board of Management" jew tas-"Supervisory Board" ta' Akzo Nobel. Il-Bord tad-Diretturi kien jiddeċiedi wkoll fir-rigward tat-tqassim tal-profitti u tad-dividendi, kif ukoll dwar l-impjegar, il-ħlasijiet u t-tkeċċija mix-xogħol (premessa 173 tad-deċiżjoni).

- ¹⁴ Akzo Nobel SpA, li kienet destinatarja tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet minħabba li kienet suspettata li ħadet sehem f'attivitàjet illegali li jikkonċernaw is-suq Spanjol tal-Kloru tal-Kolin, ma kinitx indirizzata mid-deċiżjoni peress li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-provi miġbura ma kinux suffiċjenti sabiex jistabbilxxu r-responsabilità tagħha (premessa 176 tad-deċiżjoni).
- ¹⁵ L-ammont tal-multi ġie stabbilit mill-Kummissjoni skond il-linji gwida tagħha għall-kalkolu tal-multi imposti skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU 1998, C 9, p. 3) kif ukoll skond il-komunikazzjoni tagħha tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-non impożizzjoni tal-multi, jew it-tnaqqis ta' l-ammont tagħhom fil-kawżi li jirrigwardaw akkordji (ĠU 1996, C 207, p. 4)
- ¹⁶ Sabiex tiddetermina l-ammont inizjali tal-multi, il-Kummissjoni indikat li hija kellha tagħmel trattament differenzjat bejn il-kumpanniji involuti sabiex tieħu in kunsiderazzjoni differenzi bejn il-kapaċită ekonomika effettiva tagħhom li jkunu ta' dannu għall-kompetizzjoni. Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li l-ksur seħħ fuq livell dinji, bil-parteċipazzjoni ta' kummpanniji mill-Amerika ta' fuq li kienu aċċettaw, b'mod partikolari, li jirtiraw mis-swieq Ewropej, il-Kummissjoni qieset li hija kellha tibbaż-ruħha fuq l-ishma tas-suq dinji ta' l-impriżi li ħadu sehem fil-ksur sabiex tiddetermina l-importanza rispettiva tagħhom (premessi 200 u 201 tad-Deċiżjoni).
- ¹⁷ Għalhekk, abbażi ta' kif kienu mqassma l-ishma tas-suq dinji fl-1997, il-Kummissjoni kklassifikat lir-rikorrenti fit-tielet kategorija b'seħem tas-suq ta' 12 %. Sabiex tassigura effett dissważiġi suffiċjenti, il-Kummissjoni, fid-dawl tal-fatturat ta' Akzo Nobel għall-2003 (EUR 13 il-biljun), immultiplikat l-ammont inizjali b'fattur ta' 1.5.

- ¹⁸ Wara dan, il-Kummissjoni żiedet l-ammont inizjali b'10 % għal kull sena sħieħa li matulu dam għaddej il-ksur u b'5 % għal kull perijodu addizzjonali ta' sitt xhur jew iktar iżda li kien inqas minn sena. Peress li l-ksur dam għaddej għall minn ta' l-inqas ġumes snin u ġid-dax-il xahar (mit-13 ta' Ottubru 1992 sat 30 ta' Settembru 1998), il-Kummissjoni żiedet l-ammont inizjali b'55%. Għalhekk, l-ammont bażiku tal-multa imposta *in solidum* fuq ir-rikorrenti ġie stabbilit għal EUR 29.99 miljun.
- ¹⁹ F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-komunikazzjoni dwar in-non impożizzjoni ta' ammendi u t-tnaqqis ta' l-ammont tagħhom fil-kawz li jirrigwardaw l-akkordji fir-rigward tar-rikorrenti, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' komunikazzjoni volontarja li saret fit-8 ta' Jannar 2002, dwar ġumes laqgħat fuq livell ewropew. Huwa b'dan il-mod li, fil-premessa 233 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni setgħet tist-abbilixxi l-prova tal-portata u tat-tul ta' żmien li matulu dam għaddej il-ksur fuq livell Ewropew. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma kkuntestawx il-materjalita tal-fatti esposti mill-Kummissjoni. Għalhekk il-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti setgħu jibbenfikaw minn tnaqqis ta' 30 % ta' l-ammont tal-multa li kienet tiġi imposta lilhom fin-nuqqas ta' tali kooperazzjoni (premessi 233 sa 236 tad-Deċiżjoni).
- ²⁰ Wara din il-proċedura, l-multa imposta fuq ir-rikorrenti ġiet iffissata għal ammont ta' EUR 20.99 miljun.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- ²¹ Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-2 ta' Marzu 2005, ir-rikorrenti ressqu dan ir-rikors.

- ²² Permezz ta' atti ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-25 ta' Frar (irreġistrat bir-referenza T-111/05) u fl-1 ta' Marzu 2005 (irreġistrat bir-referenza T-101/05), UCB u BASF, li ukoll kienu destinatarji tad-deċiżjoni, kienu separatament ressqu rikorsi kontra din ta' l-aħħar.
- ²³ Permezz tad-digriet tas-7 ta' Settembru 2006, il-President tat-Tieni Awla tal-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċieda, wara li sema lill-partijiet, li jgħaqqad il-kawżi T-101/05, T-111/05 u kif ukoll din il-kawża għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza, skond l-Artikolu 50 tar-Regoli tal-proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
- ²⁴ Fuq rapport ta' l-Imħallef Relatur, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, għamlet mistoqsija bil-miktub lill-partijiet.
- ²⁵ Permezz tad-digriet tagħha fil-kawżi T-101/05 u T-111/05 il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li għall-finijiet tas-sentenza tissepara din il-kawża mill-kawżi T-101/05 u T-111/05, skond l-Artikolu 50 tar-Regoli tal-Proċedura.
- ²⁶ Ir-rikorrenti jitkolli sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġibha:
- tannulla d-deċiżjoni;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

²⁷ Il-Kummissjoni titlob sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew manifestament infondat f'dak li jirrig-warda Akzo Nobel Nederland, Akzo Nobel Chemicals International u Akzo Nobel Chemicals;
- tichhad il-kumplament tar-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

²⁸ Ir-rikorrenti ressqu tliet motivi, l-ewwel wieħed bbażat fuq l-imputazzjoni żbaljat ta' responsabbiltà *in solidum* lill-Akzo Nobel, it-tieni wieħed ibbażat fuq ksur ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 safejn l-ammont tal-multa kien jaqbeż l-10 % tal-fatturat li Akzo Nobel Functional Chemicals għamlet fl-2003 u t-tielet wieħed ibbażat fuq ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjoni tar-responsabbiltà *in solidum* lill-Akzo Nobel.

1. Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors fir-rigward ta' Akzo Nobel Nederland, ta' Akzo Nobel Chemicals International u ta' Akzo Nobel Chemicals

L-argumenti tal-partijiet

²⁹ Skond il-Kummissjoni, ir-rikors, li għandu jiġi analizzat bħala ġumes rikorsi individwali, ma jinkludix motivi li jistgħu jiġiegustifikaw l-annullament tad-deċiżjoni jew

it-tnaqqis ta' l-ammont tal-multa imposta fuq Akzo Nobel Nederland, Akzo Nobel Chemicals International u Akzo Nobel Chemicals. Għaldaqstant, f'dak li jirrigwarda dawn it-tliet rikorrenti, ir-rikors muhuwiex konformi ma' l-Artikolu 21 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u ma' l-Artikolu 44 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. F'kull każ, fir-rigward ta' dawn ir-rikorrenti r-rikors għandu jiġi miċħud bħala manifestament infondat.

- ³⁰ Ir-rikorrenti jqisu li r-rikors huwa ammissibbli f'dak li jirrigwarda Akzo Nobel Nederland, Akzo Nobel Chemicals International u Akzo Nobel Chemicals. Huma jenfasizzaw li r-rikors jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 21 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Artikolu 44 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza u jsostnu li l-possibbiltà li d-deċiżjoni tīgħi annullata jiġiustifika l-interess tagħhom li jaġixxu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

- ³¹ Għandu l-ewwel nett jiġi osservat li, peress li dan huwa rikors wieħed li huwa ammissibbli f'dak li jirrigwarda Akzo Nobel u Akzo Nobel Functional Chemicals, mhemmx lok li tīgħi eżaminata l-eċċeżżjoni mqajma mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-24 ta' Marzu 1993, CIRFS *et vsi* il-Kummissjoni, C-313/90, Ġabru p. I-1125, punti 30 u 31).
- ³² F'dan ir-rigward, l-argument li l-Kummissjoni resqet matul is-seduta, li jgħid li l-evalwazzjoni esposta fil-punt preċedenti tapplika biss fil-każ fejn l-annullament deċiż ikun ta' benefiċċju għal kull persuna indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk hija resqitx rikors, muhuwiex bizzarejjed sabiex jagħmel l-eżami ta' l-eċċeżżjoni in kwistjoni neċċessarja. Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-annullament ta' deċiżjoni li timponi multi fuq diversi entitajiet abbażi ta' l-Artikolu 81 KE m'għandiex tkun ta'

benefiċċju għal dawk li ma jkunux ressqu rikors (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-14 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products et, C-310/97 P, Ġabra p. I-5363, punt 63), jew li fir-rigward tiegħu r-rikors huwa inammissibbli, xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni ma spjegatx b'liema mod eventwali annullament tad-deċiżjoni abbażi tal-motivi esposti fil-punt 30 iktar 'il fuq tista' tkun ta' benefiċċju għal Akzo Nobel Nederland, Akzo Nobel Chemicals International u għal Akzo Nobel Chemicals. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stess fil-kontroreplika tagħha ssostni li, fid-dawl tal-motivi mressqa fir-rikors, annullament eventwali jista' jikkonċerna biss ir-responsabbiltà tal-kumpannija ewlenija tal-grupp jew l-ammont tal-multa imposta fuq Akzo Nobel Functional Chemicals. Barra minn dan, anke jekk jitqies li Akzo Nobel Nederland, Akzo Nobel Chemicals International u Akzo Nobel Chemicals mhumiex ammissibbli, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha xorta waħda teżamina r-rikors kollu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju jiġġustifikaw li l-eċċeżżjoni ta' inammissibbiltà imqajma mill-Kummissjoni ma tiġix eżaminata.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-imputazzjoni żbaljata ta' responsabbiltà in solidum lill-Akzo Nobel

L-argumenti tal-partijiet

³³ Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' li ġi meta imponiet il-multa *in solidum* lill-Akzo Nobel, kumpannija ewlenija tal-grupp li kellha, direttament jew indirettament, 100 % tal-kapital tal-kumpanniji sussidjarji tagħha. Huma jesponu l-istruttura organizzattivi u legali tal-grupp Akzo Nobel kif ġej. L-istruttura organizzattivi hija komposta minn ċentru ġeneralji (Akzo Nobel NV), minn friegħi

kummerċjali u minn sotto friegħi kummerċjali. Fil-fatt l-attivitàajiet tal-grupp huma organizzati b'tali mod li fergħa jew sotto fergħa kummerċjali tibda attivita mwettqa minn diversi kumpanniji sussidjarji ta' Akzo Nobel, per eżempju, is-sotto fergħa tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin jinkludu attivitajiet imwettqa minn diversi kumpanniji sussidjarji ta' Akzo Nobel. L-istruttura legali tinkludi lill-Akzo Nobel, bħala kumpannija ewlenja tal-grupp, u kif ukoll iktar minn 1000 entità legali li huma, direttament jew indirettament, 100 % ta' din il-kumpannija. Dawn l-entitajiet legali għandhom jiġu kkunsidrat bħala proprjetarji ta' portafolli li jeżerċitaw attivitajiet kummerċjali amministrati mill-fergħat u sotto fergħat kummerċjali. F'dan il-każ, Akzo Nobel Chemicals International, Akzo Nobel Chemicals u Akzo Nobel Functional Chemicals huma l-proprjetarji, b'mod partikolari, ta' l-attività imwettqa mis-sotto fergħa tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin. Minn dan jirriżulta li l-istrutturi organizazzatti u legali tal-ġrapp Akzo Nobel huma paralleli.

³⁴ Għalhekk dan il-ġrapp jinkludi, mill-perspettiva organizazzatti, żewġ livelli: ċentru ġenerali responsabbi mill-kwistjonijiet strateġiċi (investimenti prinċipali, finanzi, kwistjonijiet legali, riżorsi umani) u 20 fergħa kummerċjali fuq livell direttament inferjuri. Kull fergħa għandha direttur ġenerali, grupp ta' amministrazzjoni, servizzi ġenerali kif ukoll responsabbi inkarigati mill-amministrazzjoni operattiva kollha tagħha. Sakem l-amministrazzjoni tal-fergħa kummerċjali jirrispettaw l-ġhannejiet finanzjarji strateġiċi stabbiliti u approvati minn Akzo Nobel, din l-amministrazzjoni hija effettivament awtonoma u marbuta biss mill-“business principles” (il-valuri essenzjali tad-dinja tal-kummerċ, bħall-ispirtu ta’ impriża, l-integrità professionali, ir-responsabbiltà tal-kumpannija, etc.) u l-“corporate directives” (id-direttivi ta’ l-impriża, fir-rigward ta’ kwistjonijiet legali u fiskali, ta’ riżorsi umani, ta’ saħħa, ta’ sigurtà u ta’ ambjent, etc) li japplikaw għall-ġrapp Akzo Nobel. Kull fergħa hija komposta minn sotto friegħi provvisti b'korpi ta’ amministrazzjoni. F'dan il-każ, l-attivitàajiet kummerċjali fil-qasam tal-kloru tal-kolin kienu eżerċitati minn Akzo Nobel Chemicals, Akzo Nobel Functional Chemicals u Akzo Nobel Chemicals SpA.

³⁵ Huma l-fergħat jew sotto fergħat kummerċjali inkarigati mill-qasam ikkonċernat li jiddeterminaw, b'mod awtonomu minn Akzo Nobel, il-politika, l-istrateġija u l-operazzjonijiet kummerċjali. Madankollu, dan ma jfissirx li dawn il-friegħi jew sotto friegħi għandhom l-istess setgħa deċiżjonali bħall dik tal-kumpanniji sussidjarji. Fil-fatt huwa huwa impossibbli li jiġi kkunsidrat li kull fergħa jew sotto fergħa kummerċjali tiddetermina l-politika kummerċjali tad-diversi kumpanniji sussidjarji.

- ³⁶ Skond l-analiżi tal-ġurisprudenza esposta minn Akzo Nobel, l-influwenza determinanti, li l-kumpannija prinċipali għandha teżerċita sabiex din tkun tista' tiġi imputata bir-responsabbiltà ta' l-agħir tal-kumpannija sussidjarja tagħha, għandha tkun tikkonċerna l-politika kummerċjali *stricto sensu* ta' din ta' l-aħħar. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tipprova, l-ewwel nett, li kien possibbli li l-kumpannija prinċipali teżerċita setgħa ta' amministrazzjoni b'tali mod li tneħħi kull awtonomija fir-rigward tad-direzzjoni ta' l-azzjoni kummerċjali u, it-tieni nett, il-fatt li din is-setgħa ġiet effettivament użata.
- ³⁷ Madankollu, ir-rirkorrenti jindikaw li mill-ġurisprudenza jirriżulta li kumpannija 100 % sussidjarja tista' tiġi preżunta li applikat l-istruzzjonijiet mogħtija lilha mill-kumpannija prinċipali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex il-Kummissjoni tkun obbligata, f'każ bħal dan, li tikkunsidra bħala responsabbli biss lill-kumpannija sussidjarja, huwa meħtieġ li din ta' l-aħħar tiddetermina l-politika kummerċjali tagħha prinċipalment hija stess. Meta din iċ-ċirkustanza tiġi stabilita, hija mill-ġdid il-Kummissjoni li għandha tipprova li l-kumpannija prinċipali kienet effettivament eżerċitat influwenza determinanti fil-każ konkretni. Minn dan jirriżulta li organizzazzjoni unitarja bħal dik tal-grupp Akzo Nobel mhijiex biżżejjed, fiha nfisha, sabiex teżonera lill-Kummissjoni milli tressaq il-prova li l-kumpannija prinċipali kienet effettivament implikata. Barra minn dan, Akzo Nobel issostni li l-Kummissjoni, fil-kuntest tal-pratika deċiżjonali tagħha, u l-qrati Komunitarji dejjem jużaw elementi fattwali sabiex isostnu l-preżunzjonijiet in kwistjoni.
- ³⁸ Il-kumpanniji sussidjarji ta' Akzo Nobel jiddeterminaw il-politika kummerċjali tagħhom prinċipalment huma nfushom, peress li kull waħda minnhom għandha l-korp deċiżjonali tagħha. Peress li Akzo Nobel ma teżerċita l-ebda attivitā kummerċjali u la tiproduċi u lanqas ma tiddistribwixxi xi prodott, hija m'għandha l-ebda setgħa ta' amministrazzjoni fir-rigward tagħhom b'tali mod li tneħħilhom kull awtonomija reali fid-determinazzjoni tad-direzzjoni ta' l-azzjoni tagħhom fis-suq. Akzo Nobel tiddefinixxi sempliċement l-istrateġija makroekonomika ġenerali tal-grupp mingħajr ma teżiġi li jkollha rwol fid-deċiżjonijiet ta' natura purament kummerċjali. Id-deċiżjonijiet fuq il-prezzijiet tal-bejgħ u ż-żida tagħhom jittieħdu, bħala prinċipju, fi ħdan kull kumpannija sussidjarja mid-diretturi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti in kwistjoni. Għalhekk Akzo Nobel hija biss responsabbli mill-kwistjonijiet strateġiċi prinċipali (finanzi, kwistjonijiet legali, regoli u politika fil-qasam tas-saħħha, sigurtà, ambjent, etc.), u dan jeskludi l-kwistjonijiet ta'

politika kummerċjali. Għaldaqstant, ir-responsabbiltà fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' politika kummerċjali hija tal-fergħat u sotto fergħat kummerċjali, li tagħhom jaqgħu l-kumpanniji sussidjarji operattivi kollha tal-grupp.

- ³⁹ Il-magażin internazzjonali intern maħruġ minn Akzo Nobel jesponi struttura partikolarmen dettaljata fi ħdan il-kumpanniji sussidjarji tagħha. Issa, din l-istrutura tkun inutli jekk il-politika kummerċjali tīgħi deċiża mill-Bord tad-Diretturi ta' Akzo Nobel. Madankollu, ebda kumpannija prinċipali li tkun il-proprjeta tal-kapital kollu tal-kumpannija sussidjarja tagħha ma tħalli lill din ta' l-aħħar topera mingħajr l-ebda kontroll. Għalhekk Akzo Nobel tiddetermina l-politika u r-regoli fir-rigward tas-sahħha, tas-sigurtà, ta' l-ambjent, ta' l-identità tal-kumpannija u tal-ftehim kollet-tivi li l-kumpanniji sussidjarji tagħha huma obbligati li jsegwu. Issa, dan it-tip ta' kontroll ma jistax jiġi assimilat ma kontroll tal-politika kummerċjali *strictu sensu* tal-kumpanniji sussidjarji.
- ⁴⁰ Barra minn hekk, peress li kull waħda mill-kumpanniji sussidjarji implikati f'din il-proċedura għandha l-Bord ta' Diretturi tagħha, il-politika kummerċjali (iffissar tal-prezzijiet, distribuzzjoni) tīgħi deċiża fuq livell tal-fergħat u s-sotto fergħat kummerċjali responsabbli mil-prodott ikkonċernat. Il-fatturat magħmul fis-settur tal-kloru tal-kolin jinstab fil-kontabbiltà ta' Akzo Chemicals, ta' Akzo Nobel Functional Chemicals u ta' Akzo Nobel Chemicals SpA.
- ⁴¹ Id-direttur tal-kummerċjalizzazzjoni responsabbli mill-kloru tal-kolin huwa, kif indikat fid-deskrizzjoni tal-kariga tiegħu, inkarigat prinċipalment li jistabbilixxi l-abbozz tal-pjan ta' bejgħ f'dak li jirrigwarda l-kwantitatjiet, il-prezzijiet, il-gamma ta' prodotti u l-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni. In-nuqqas ta' provi dokumentarji li jsostnu l-allegazzjonijiet kollha fattwali ma jistax inaqqas il-valur probanti ta' l-elementi ppreżentati minn Akzo Nobel, fid-dawl tal-fatt, b'mod partikolari, li hija ppreżentat diversi provi matul il-proċedura amministrattiva.

- ⁴² Peress li l-preżunzjoni in kwistjoni ġiet, abbażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, invertita, ir-rikorrenti jqisu li t-teżi tal-Kummissjoni kienet tkun valida li kieku Akzo Nobel kienet ħarġet l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw l-iffissar tal-prezzijiet u t-tqassim tas-suq tal-kloru tal-kolin. Issa, kumpannija prinċipali komposta minn aktar minn 1 000 il-entita legali ma tistax, materjalment, tagħti istruzzjonijiet, anke jekk lill-kumpannija sussidjarja waħda, fil-qasam ta' politika ta' prezzijsiet jew ta' aġir kummerċjali. Il-Kummissjoni la pprovat li Akzo Nobel kienet taf dwar il-ksur, la li kienet direttament implikata fih u lanqas li kienet ħarġet istruzzjonijiet lill-kumpanniji sussidjarji tagħha sabiex iwettqu dan il-ksur. L-elementi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni sabiex ir-responsabbiltà tal-ksur tiġi imputata *in solidum* lill-Akzo Nobel ma jirrigwardawx il-politika kummerċjali *strictu sensu* tal-kumpanniji sussidjarji. Peress li r-rikorrenti urew li s-sotto fergħa tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin kienet, minn ta' l-anqas, tgawdi minn awtonomija kummerċjali wiesa', il-Kummissjoni kellha tipprova li Akzo Nobel kienet teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tar-rikorrenti l-oħra u fuq is-sotto fergħa kummerċjali tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin. Issa, il-Kummissjoni ma ssodisfatx dan l-obbligu peress li Akzo Nobel ma kella l-ebda raġuni sabiex teżerċita tali influwenza.
- ⁴³ F'dan il-kuntest, mhuwiex wisq rilevanti li tiġi identifikata l-persuna fiżika jew legali li taħtar il-viċi-president tal-grupp, id-diretturi u l-persuni l-oħra tas-sotto fergħa tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin u li lilha dawn ta' l-aħħar għandhom jaġħtu r-rendikont tagħhom. Il-kwistjoni ewlenija hija dik ta' jekk Akzo Nobel eż-żeċċitatx kontroll determinanti fuq il-politika kummerċjali tal-kumpanniji sussidjarji tagħha jew fuq din is-sotto fergħa kummerċjali. Jista' anke jiġi sostnun li s-sotto fergħa tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin għandha tkun id-destinatarja tad-deċiżjoni.
- ⁴⁴ Ir-rikorrenti josservaw li, jekk l-entitajiet legali kollha tas-settur tal-kloru tal-kolin għandhom jiġu kkunsidrati bħala unità ekonomika waħda, għaldaqstant ma jkun hemm l-ebda raġuni li Akzo Nobel Chemicals tiġi eskluża mill-isfera tad-destinatarji tad-deċiżjoni biss minħabba li l-Kummissjoni ma kelliekk provi suffiċjenti sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' din ta' l-aħħar. Barra minn dan, din l-eskużjoni hija f'kuntradizzjoni mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li Akzo Nobel hija l-unika konnessjoni bejn il-produzzjoni tal-kloru tal-kolin fl-Italja u l-produzzjoni ta' dan il-prodott fl-Olanda.

- ⁴⁵ Ir-rikorrenti jenfasizzaw li matul il-proċedura amministrattiva Akzo Nobel qatt ma ppreżentat ruħha bħala l-unika interlokutur mall-Kummissjoni. Aktar minn hekk, kull waħda mir-rikorrenti kienet tagħat mandat separat lill-avukati li kienu jirrapreżentawhom.
- ⁴⁶ Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti hawn fuq u fid-dawl tal-fatt li l-elementi, minbarra dawk li jirrigwardaw il-proprietà tal-kapital kollu, li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni huma jew irrilevanti jew żbaljati, Akzo Nobel tikkunsidra li hija invertiet il-preżunzjoni li tirrigwarda r-responsabbiltà tal-kumpannija ewlenja tal-grupp. Peress li l-Kummissjoni ma ressjet l-ebda element li juri li Akzo Nobel kienet teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tal-kumpanniji sussidjarji tagħha, dan il-motiv għandu jiġi milqugħ.
- ⁴⁷ Il-Kummissjoni tenfasizza li, skond il-ġurisprudenza, kumpannija prinċipali tista' tiġi preżunta li teżerċita influwenza determinanti fuq kumpannija sussidjarja meta l-agħir ta' din ta' l-aħħar ikun essenzjalment suġġett għall istruzzjonijiet maħruġa minn din ta' l-ewwel, jiġifieri meta l-kumpannija prinċipali tiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali ta' l-istrateġija u ta' l-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpannija sussidjarja tagħha. Il-ġurisprudenza ma teżiġix li l-kumpannija prinċipali tagħti istruzzjonijiet lill-kumpannija sussidjarja tagħha sabiex din twettaq il-ksur b'tali mod li l-Kummissjoni tkun tista' tindirizzala d-deċiżjoni li timponi multa. Għalhekk huwa biżżejjed li l-kumpannija prinċipali tkun eżerċitat influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ġenerali tal-kumpanniji sussidjarji tagħha sabiex ir-responsabbiltà *in solidum* tagħha tiġi stabilita, mingħejr ma l-Kummissjoni tkun obbligata li tipprova li l-kummpannija prinċipali kienet taf dwar il-ksur u li kienet direttament implikata fi.
- ⁴⁸ Mill-ġurisprudenza jirriżulta li sabiex din il-preżunzjoni tiġi invertita jeħtieġ li jiġi pprovat jew li l-kumpannija prinċipali ma kinitx f'pożizzjoni li tinfluwenza b'mod determinanti l-politika kummerċjali tal-kumpannija sussidjarja tagħha, jew inkella li l-kumpannija sussidjarja kienet effettivament awtonoma. Konsegwentejn għandu jintwera, permezz ta' elementi ta' prova suffiċċenti, li l-kumpannija prinċipali ma kinitx f'pożizzjoni li teżerċita, jew li effettivament ma eżerċitax,

influwenza determinanti fuq id-direzzjoni ġeneral ta' l-istrateġija u ta' l-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpannija sussidjarja tagħha, minkejja l-fatt li hija kienet proprietarja ta' 100 % tal-kapital tagħha. Min-naħa l-oħra, mhuwiex bizzżejjed li jint-wera li l-kumpannija sussidjarja wettqet l-attivitàajiet tagħha fil-parti l-kbira minn jedda u li hija kellha l-Bord tad-Diretturi tagħha, ħaġa li f'kull każ ma ġietx ipprovata f'din il-kawża.

- ⁴⁹ Ir-riorrenti mhumiex iġġustifikati li jallegaw li huma invertew il-preżunzjoni li tirrigwarda lill-Akzo Nobel permezz ta' elementi pprovduti bħala risposta għad-dikjarazzjoni ta' l-oġġeżżjonijiet u lanqas ma jistgħu jikkontestaw il-legalita tad-deċiżjoni abbażi ta' dokumenti li ma ġewx ippreżentati matul il-proċedura amministrattiva.
- ⁵⁰ L-elementi pprovduti mir-riorrenti mhumiex suffiċjenti sabiex tiġi invertita l-preżunzjoni fir-rigward ta' Akzo Nobel. Fil-fatt, ir-riorrenti la identifikaw l-entitajiet legali li jaħtru l-viċi president tal-grupp u d-diretturi tal-fergħat kummerċjali u lanqas il-persuni jew l-entitajiet li fuqhom jiddependu dawn il-viċi presidenti. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li tista' raġjonevolment tissuponi li l-viċi presidenti tal-grupp jinhātru minn Akzo Nobel u li dawn għandhom jagħtu rendikont ta' l-aġir tagħhom lil din l-aħħar kumpannija.
- ⁵¹ Fir-rikors ir-riorrenti jindikaw li l-politika kummerċjali tal-kumpanniji sussidjarji ma tīgħix deċiża minn dawn ta' l-aħħar iżda mill-fergħat u mis-sotto fergħat kummerċjali, li fir-rigward tiegħu l-amministrazzjoni ta' Akzo Nobel għandha l-koordinazzjoni u d-direzzjoni. Il-fatt li l-kumpanniji sussidjarji rikorrenti għandhom Bord tad-Diretturi mhux neċċessarjament ifisser li huma kienu jieħdu d-deċiżjonijiet kummerċjali fundamentali tagħhom li jikkonċernaw il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-kloru tal-kolin f'awtonomija sħiħa. L-appartenenza tagħhom għas-sotto fergħa kummerċjali tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin, li għandha korpi ta' amministrazzjoni, tixhed il-kontra ta' dan. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tar-riorrenti li tgħid li l-amministrazzjoni ta' kull sotto fergħa kummerċjali għandha tagħti rendikont lill-amministrazzjoni ta' unità kummerċjali, il-Kummissjoni tippreżumi li

l-amministrazzjoni ta' kull unità kummerċjali għandha tagħti rendikont, min-naħħa tagħha, lill-amministrazzjoni ta' Akzo Nobel. Huwa preċiżament dan l-obbligu li jiġi kwalifikat bħala "unità ekonomika". Anke jekk jiġi meqjus li d-direttur tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali tal-kloru tal-kolin jiddeċiedi l-prezzijiet tal-prodott b'mod kompletament awtonomu, dan jikkonferma n-nuqqas ta' awtonomija tal-kumpanniji sussidjarji tal-grupp u ma jeskludix influwenza determinanti min-naħħa ta' Akzo Nobel.

⁵² Barra minn dan, il-Kummissjoni tqis li l-argument tar-rikorrenti li jgħid li hija kellha tindirizza d-deċiżjoni lis-sotto fergħa kummerċjali tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin għandu jiġi miċħud minħabba l-fatt li s-sotto fergħa ma tikkostitwixx entità legali, l-uniċi entitajiet legali huma l-kumpanniji sussidjarji li jiffurmaw parti mill-grupp ikkoordinat minn Akzo Nobel. Dawn l-entitajiet legali ma jistgħux jehi minn responsabbiltà tagħhom biss minħabba l-fatt li huma huma strutturati f'unitajiet neqsin minn personalità legali. Aktar minn hekk, il-kwalità ta' Akzo Nobel bħala azzjonista uniku tal-kumpanniji sussidjarji tagħha tagħtiha, bħala tali, is-setgħha li essenzjalment tikkontrolla d-direzzjoni ta' l-azzjoni tagħhom.

⁵³ Barra minn hekk, id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti juru biss li d-deċiżjonijiet kummerċjali ta' kuljum li jirrigwardaw il-kloru tal-kolin jittieħdu mill-membri ta' l-amministrazzjoni tas-sotto fergħa kummerċjali tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin, mingħejr ma jidentifikaw il-persuni li jaħtru u jimpiegaw l-imsemmija membri. Għaldaqstant ir-rikorrenti ma invertewx il-preżunzjoni ta' responsabbiltà ta' Akzo Nobel.

⁵⁴ F'kull każ, ir-responsabbiltà ta' Akzo Nobel hija ġġustifikata abbażi ta' elementi oħrajn apparti l-preżunzjoni li tirrigwarda l-proprietà ta' 100 % tal-kapital tal-kumpanniji sussidjarji tagħha. Fil-fatt, mill-programmi ta' amministrazzjoni huwa pprovat li kull proġett ta' unità kummerċjali jeħtieġ investiment li jirrikjedi l-approvazzjoni tal-kumitat ta' amministrazzjoni jew tas-“Supervisory Board” ta' Akzo Nobel skond id-daqs ta' l-investiment in kwistjoni. Is-sehem li Akzo Nobel għandha fil-ħatra tad-diretturi ta' kull unità kummerċjali kif ukoll l-inkarigi amministrattivi tagħha juru li

hija topera bħala unità ekonomika waħda flimkien ma dawn l-unitajiet kummerċjali. L-indipendenza kummerċjali ma tikkonċernax biss id-deċiżjonijiet ta' importanza sekondarja, bħal bejgħ ta' kuljum, iżda wkoll id-deċiżjonijiet iktar importanti, bħal ħatra tad-diretturi, id-determinazzjoni ta' l-għanijiet kummerċjali u l-ġhażla ta' l-investituri. Issa, Akzo Nobel hija l-entità inkarigata sabiex tiddeċiedi fuq dawn il-kwistjonijiet.

- ⁵⁵ Il-fatt li Akzo Nobel, Akzo Nobel Nederland, Akzo Nobel Chemicals International u Akzo Nobel Chemicals ma kienu jeżerċitaw l-ebda attivită kummerċjali jikkonferma wkoll il-konklużjoni li tgħid li l-ebda waħda minn dawn l-entitajiet legali ma tista' tiġi kkunsidrata bħala li fiha nfisha tikkostitwixxi operatur ekonomiku awtonomu.

- ⁵⁶ Barra minn hekk Akzo Nobel tikkostitwixxi l-uniku ness ta' proprjeta bejn l-attivitajiet tas-settur tal-kloru tal-kolin fl-Italja u dawk ta' l-Olanda. Din il-konstatazzjoni bl-ebda mod mhija kuntraddittorja mad-deċiżjoni li Akzo Nobel Chemicals SpA tiġi esku lu minn fost id-destinatarji tad-deċiżjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda prova li turi li din l-entità ħadet sehem fil-ksur. Aktar minn hekk, din ta' l-aħħar mhijiex kumpannija ta' amministrazzjoni responsabbli mill-agħir ta' l-entitajiet direttament implikati. F'kull każ, il-Kummissjoni mhijiex obbligata li timpura r-responsabbiltà fuq l-entitajiet legali kollha li, flimkien, jiffurmaw impriżza. Ir-rappreżentazzjoni komuni tar-rikorrenti hija wkoll element li jixhed favur l-analiżi tal-Kummissjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

- Osservazzjonijiet preliminari fuq l-imputabbiltà ta' l-agħir li jikkostitwixxi ksur ta' kumpannija sussidjarja lill-kumpannija prinċipali
- ⁵⁷ Għandu l-ewwel nett jiġi mfakkar li l-kunċett ta' impriżza fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE jinkludi entitajiet ekonomiċi li kull waħda minnhom tikkostitwixxi organizzazzjoni

unitarja ta' elementi personali, materjali u immaterjali li jippersegwu fit-tul skop ekonomiku determinat, organizzazzjoni li tista' tikkontribwixxi għat-twettieq ta' ksur previst minn din id-dispożizzjoni (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' Marzu 2002, HFB *et vs* Il-Kummissjoni, T-9/99, Ġabro p. II-1487, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

⁵⁸ Għalhekk mhijiex relazzjoni ta' istigazzjoni, fir-rigward tal-ksur, bejn il-kumpannija prinċipali u l-kumpannija sussidjarja u anqas u anqas ma hija l-implikazzjoni tal-kumpannija prinċipali fil-imsemmi ksur, iżda huwa l-fatt li dawn kienu jikkostitwixxu impriża waħda fis-sens espost aktar'il fuq li jawtorizza lill-Kummissjoni li tindirizza d-deċiżjoni li timponi multi fuq il-kumpannija prinċipali ta' grupp ta' kumpanniji. Fil-fatt, għandu jiġi mfakkar li d-dritt tal-kompetizzjoni Komunitarju jirrikonoxxi l-fatt li diversi kumpanniji li jkunu jiffurmaw parti mill-istess grupp jikkostitwixxu entità ekonomika, u għaldaqstant impriża fis-sens ta' l-Artikoli 81 KE u 82 KE, jekk il-kumpanniji kkonċernati ma jiddeterminawx b'mod awtonomu l-agħir tagħhom fis-suq (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2003 Michelin *vs* Il-Kummissjoni, T-203/01, Ġabro p. II-4071, punt 290).

⁵⁹ Għandu wkoll jiġi osservat li, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni u t-twettieq tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, huwa meħtieġ li tīgħi identifikata, bħala destinatarja, entità li jkollha personalità legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et vs* Il-Kummissjoni, imsejħa "PVC II", T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabro p. II-931, punt 978).

⁶⁰ Fil-każ partikolari fejn kumpannija prinċipali jkollha 100 % tal-kapital tal-kumpannija sussidjarja tagħha li tkun responsabbi għal agħir li jikkostitwixxi ksur, teżisti preżunzjoni *juris tantum* li l-imsemmija kumpannija prinċipali teżerċita influwenza determinanti fuq l-agħir tal-kumpannija sussidjarja tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 1983, AEG *vs* Il-Kummissjoni, 107/82, Ġabro p. 3151, punt 50 u s-sentenza PVC II, punt 59 iktar 'il fuq, punti 961 u 984), u li għaldaqstant dawn jikkostitwixxu impriża waħda fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ġunju 2005, Tokai Carbon *et vs* Il-Kummissjoni, T-71/03, T-74/03, T 87/03 u T-91/03, Ġabro p. II-10, punt 59). Għaldaqstant hija l-kumpannija prinċipali li, quddiem il-qorti Komunitarja, tkun

qegħdha tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponilha multa għall-aġir imwettaq mill-kumpannija sussidjarja tagħha, li għandha tinverti din il-preżunzjoni billi tressaq elementi ta' prova li jistgħu jipprovaw l-awtonomija ta' din ta' l-akħjar (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Settembru 2006, Avebe vs Il-Kummissjoni, T-314/01, ġabru p. I-1331, punt 136; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni, C-286/98 P, ġabru p. I-9925, iktar 'il quddiem is-“sentenza Stora”, punt 29).

⁶¹ F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm huwa minnu, li fil-punti 28 u 29 tas-sentenza Stora, punt 60 iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja invokat, apparti l-proprietà ta' 100 % tal-kapital tal-kumpannija sussidjarja, ċirkustanzi oħra, bħan-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' l-influwenza li l-kumpannija prinċipali eżerċitat fuq il-politika kummerċjali tal-kumpannija sussidjarja tagħha u r-rappreżentazzjoni komuni taż-żewġ kumpanniji matul il-proċedura amministrattiva, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja esponiet li l-imsemmija ċirkustanzi biss sabiex tesponi l-elementi kollha li fuqhom il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ibbażat ir-raġunament tagħha sabiex tikkonkludi li dan ma kienx ibbażat biss fuq il-fatt li l-kumpannija prinċipali kienet il-proprietarja tal-kapital kollu tal-kumpannija sussidjarja. Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti kkonfermat l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'din il-kawża ma jwassalx sabiex il-prinċipju stabbilit fil-punt 50 tas-Sentenza AEG vs Il-Kummissjoni, punt 60 iktar 'il fuq, jiġi mibdul.

⁶² F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni tipprova li l-kapital kollu ta' kumpannija huwa proprjeta ta' kumpannija prinċipali sabiex hija tikkonkludi li din ta' l-akħjar teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tagħha. Konsegwentement il-Kummissjoni hija f'pożizzjoni li tikkunsidra lill-kumpannija prinċipali bħala responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multi imposti fuq il-kumpannija sussidjarja tagħha, ħlief jekk din il-kumpannija prinċipali tipprova li l-kumpannija sussidjarja essenzjalment ma taplikax id-direttivi maħruġin minnha u taġixxi, għaldaqstant, b'mod awtonomu fis-suq.

⁶³ Għandu jiġi eżaminat ukoll, fil-kuntest ta' l-osservazzjonijiet preliminarji preżenti, l-argument prinċipali li jinsab fis-sottomissionijiet bil-miktub ippreżentati mir-rikorrenti li jgħid li l-preżunta influwenza tal-kumpannija prinċipali minħabba l-fatt

li hija l-proprietarja tal-kapital kollu tal-kumpannija sussidjarja tagħha tirrigwarda l-politika kummerċjali *strictu sensu* tagħha (ara l-punt 36 iktar 'il fuq). Skond ir-rikor-renti taħt din il-politika jaqgħu, per eżempju, l-istrateġija ta' distribuzzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet. Għaldaqstant, il-kumpannija prinċipali tista', skond dan l-argument, tinverti l-preżunzjoni billi turi li hija din il-kumpannija sussidjarja li tamministra dawn l-aspetti spċċifici tal-politika kummerċjali tagħha u dan mingħajr ma tirċevi direttivi f'dan ir-rigward.

- ⁶⁴ F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fil-kuntest ta' l-analiżi ta' l-eżistenza ta' entità ekonomika unika komposta minn diversi kumpanniji li jiffurmaw parti minn grupp, il-qorti Komunitarja eżaminat jekk kumpannija prinċipali setgħetx tinflu-wenxa l-politika tal-prezzijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-14 ta' Lulju 1972, ICI vs Il-Kummissjoni, 48/69, ġabru p. 619, punt 137, u Geigy vs Il-Kummissjoni, 52/69, ġabru p. 787, punt 45), l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Marzu 1974, Istituto Chemoterapico Italiano u Commercial Solvents vs Il-Kummissjoni, 6/73 u 7/73, ġabru p. 223, punti 37 u 39 sa 41), l-ghajnejiet tal-bejgħ, il-marġni gross, l-ispejjeż tal-bejgħ, il-“cash flow”, l-istoks u l-kummerċjalizzazzjoni (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Jannar 1995, Viho vs Il-Kummissjoni, T-102/92, ġabru p. II-17, punt 48). Madankollu, minn dan ma jistax jiġi dedott li huma biss dawn l-aspetti li jaqgħu taħt il-kunċett tal-politika kummerċjali ta' kumpannija sussidjarja għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 81 KE u 82 KE fir-rigward tal-kumpannija prinċipali.
- ⁶⁵ Bil-kontra ta' dan, minn din il-ġurisprudenza, moqrija flimkien mall-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 57 u 58 iktar 'il fuq, jirriżulta li hija l-kumpannija prinċipali li għandha tressaq quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kull element li jirrigwarda r-rabtiet ta' organizzazzjoni, ekonomiċi u legali bejnha u bejn il-kumpannija sussidjarja tagħha u li hija tikkunsidra li huma ta' natura tali li jipprova li huma ma jikkostitwixx entità ekonomika unika. Minn dan jirriżulta wkoll li, matul l-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-elementi kollha li jiġi ppreżentati quddiemha mill-partijiet, fejn in-natura u l-importanza tagħhom jistgħuivarjaw skond iċ-ċirkustanzi ta' kull każżejjed eżaminat.
- ⁶⁶ Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi vverifikat jekk Akzo Nobel u l-kumppanniji sussidjarji tagħha kkonċernati mid-deċiżjoni jikkostitwixx entità ekonomika waħda.

— Fuq l-eżistenza ta' entità ekonomika unika bejn Akzo Nobel u l-kumpanniji sussidjarji tagħha kkonċernati mid-deċiżjoni

- ⁶⁷ F'dan il-każ, huwa paċifiku bejn il-partijiet li Akzo Nobel għandha, direttament jew indirettament, 100 % tal-kapital tal-kumpanniji sussidjarji tagħha kkonċernati mid-deċiżjoni. Għalhekk, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet magħmulin iktar 'il fuq, hija Akzo Nobel li għandha tipprova li l-imsemmija kumpanniji sussidjarji kienu jidde-terminaw il-politika kummerċjali tagħhom b'mod awtonomu b'tali mod li ma jikkostitwixx entità ekonomika unika magħha u, għalhekk, impriżza waħda fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE (ara l-punt 57 iktar 'il fuq).
- ⁶⁸ F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-programmi ta' direzzjoni li Akzo Nobel ippreżzentat matul il-proċedura amministrattiva (ara l-punt 13 iktar 'il fuq) u li huma analizzati fil-qosor fil-premessa 173 tad-deċiżjoni jinkludu, fid-daħla tagħhom, deskrizzjoni ta' kif inhuma mqassma l-kompetenzi li jirrigwardaw il-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-grupp Akzo Nobel f'dak li jirrigwarda erbatax-il suġġett.
- ⁶⁹ Dawn huma, b'mod partikolari, l-istrateġija, il-pjan ta' l-operat, l-investimenti, ix-xiri jew iċ-ċessjonijiet, pjanijet ta' ristrutturazzjoni, politika ġenerali ta' funzjonament, il-finanzi, il-verifikasi tal-kompatibbiltà minn awditurek u l-kontabbiltà, ir-riżorsi umani, il-kwistjonijiet legali, l-amministrazzjoni tar-riskji, it-teknoloġija u l-ambjent, l-informatika u suġġett intitolat “Varji”.
- ⁷⁰ Għandu jiġi indikat li, skond id-daħla tal-programmi ta' direzzjoni:

“Direzzjonijiet u struzzonijiet dettaljati (probabilment fir-rigward ta' kwistjonijiet mhux imsemmija fil-programmi ta' direzzjoni ta' Akzo Nobel) huma inklużi

f'direttivi separati u/jew statuti jew ġew stabbiliti wara qbil bejn id-direttur ta' kull fergħa jew sotto fergħa kummerċjali u l-membru tal-Bord tad-Diretturi responsabqli.

F'dak li jirrigwarda l-kumpanniji sussidjarji li mhumiex, direttament jew indirettament, kompletament proprijeta ta' Akzo Nobel, dan it-tqassim ta' kompetenzi għandu jiġi applikat fl-intier tiegħu safejn possibbli".

[Detailed authorities and instructions (possibly also for items not mentioned in the Akzo Nobel Authority Schedules) are laid down in separate directives and/or charters or are agreed upon between the BU/SU manager and the responsible Board Member.]

As to subsidiaries not wholly owned by Akzo Nobel, either directly or indirectly, this allocation of authorities shall be integrally enforced as much as possible.]

⁷¹ Barra minn dan, għandhom jiġu eżaminati diversi elementi tal-programmi ta' direzzjoni, jiġifieri l-istratēġija, l-investimenti, il-politika ġenerali ta' funzjonament, il-verifikasi tal-kontabbiltà minn awdīt u l-kontabbiltà, ir-riżorsi umani u l-kwistjonijiet legali.

⁷² F'dak li jirrigwarda l-istratēġija, mill-programmi ta' direzzjoni jirriżulta li kull fergħa jew sotto fergħa kummerċjali tlesti u tissottometti l-pjan strateġiku tagħha lill-[kunfidenzjali]¹ ta' Akzo Nobel sabiex din/dan jagħti l-opinjoni tiegħu u wara dan jissottometti għar-reviżjoni ta' [kunfidenzjali] fil-kuntest tal-linji gwida ddeterminati mill-Bord tad-Diretturi ta' Akzo Nobel, li, fil-kuntest tal-[kunfidenzjali], jiddeċiedi l-azzjonijiet strateġiċi ewlenin.

1 — Informazzjoni kunfidenzjali mħollija barra

- ⁷³ F'dak li jirrigwarda l-pjan ta' l-operat ta' kull fergħa kummerċjali, dan jeħtieġ li jiġi kkonsultat il-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel li, min-naħa tiegħu/tagħha, jissottometti kull kwistjoni quddiem l-amministrazzjoni ta' Akzo Nobel sabiex din tiddeċiedi fid-dawl tal-linji gwida u ta' l-għanijiet tal-grupp.
- ⁷⁴ F'dak li jirrigwarda l-investimenti (inklużi l-kiri, il-hire-purchase, ċessjoni jew xiri ta' beni intanġibbli), kull fergħa jew sotto fergħa kummerċjali għandha setgħa li tiddeċiedi iżda fil-limiti miftehma preliminarjament mal-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel. Dan/din ta' l-aħħar jiddeċiedi/tiddeċiedi dwar proġetti li l-valur tagħhom ikun inqas minn EUR [kunfidenzjali], din il-kompetenza tiġi f'data f'idejn il-[kunfidenzjali], il-[kunfidenzjali] jew il-[kunfidenzjali] skond jekk dan il-valur ikunx ta' bejn EUR 2.5 u l-EUR 10 miljun, EUR 10 u 20 miljun jew ikunx ta' iktar minn EUR 20 miljun rispettivament.
- ⁷⁵ F'dak li jirrigwarda l-politika ġenerali ta' funzjonament, il-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel jissottometti proposta li tikkonċerna settur ta' attivitajiet u huwa l-[kunfidenzjali], fil-kuntest tal-[kunfidenzjali], li jiddeċiedi.
- ⁷⁶ Fil-qasam tal-verifikasi tal-kompatibbiltà minn awditar u l-kontabbiltà, għandu jiġi osservat li kull fergħa jew sotto fergħa kummerċjali jibgħatu, perjodikament, ir-riżultati tagħhom filwaq li l-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel, il-[kunfidenzjali] u l-[kunfidenzjali] jirrevedu, perjodikament, l-operat fuq livell ta' fergħat, jew sotto fergħat, tal-grupp.
- ⁷⁷ F'dak li jirrigwarda r-riżorsi umani tal-fergħat jew tas-sotto fergħat kummerċjali, dawn għandhom jissottomettu l-proposti tagħhom li jirrigwardaw tibdiliet ewlenin fl-organizzazzjoni lill-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel sabiex dan/din jawtorizzhom/tawtorizzhom fid-dawl tal-kunċetti ta' organizzazzjoni, filwaqt li d-deċiżjoni finali hija f'idejn il-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel. Għandu jiġi osservat li, fil-każi li l-proposti ma jkunux konformi mal-kunċetti ta' organizzazzjoni, huwa l-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel li jiddeċiedi definittivament.

- 78 F'dak li jirrigwarda l-kwistjonijiet legali, għandu jiġi osservat li, f'dak li jirrigwarda kuntratti importanti fil-qasam ta' l-ġħarfien tekniku, ta' privattivi, ta' *trade marks*, ta' kooperazzjoni fuq ir-riċerka u ta' koalizzazzjonijiet strateġiċi, kull fergħa jew sotto fergħa kummerċjali tissottoponi l-proposti tagħha lill-[kunfidenzjali] ta' Akzo Nobel, li min-naħħa tiegħu jagħti parir, skond il-valor ta' l-operazzjoni lill-[kunfidenzjali], lill-[kunfidenzjali] jew lill-[kunfidenzjali] li għandhom jieħdu d-deċiżjoni finali. Il-kompetenzi jinqasmu b'mod simili f'dak li jirrigwarda l-kuntratti importanti ta' provista fit-tul skond it-tul ta' żmien tagħhom u l-impenn finanzjarju li dawn ikunu jinvolvu.
- 79 Mill-bqija, mill-programmi ta' direzzjoni jirriżulta li Akzo Nobel tintervjeni, permezz ta' [kunfidenzjali], ta' [kunfidenzjali] jew ta' [kunfidenzjali], fil-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw is-suġġetti kollha kkonċernati (ara l-punt 69 iktar 'il fuq).
- 80 Meta, matul is-seduta, ir-rikorrenti ġew mistoqsija dwar dan il-punt huma sostnew li l-programmi ta' direzzjoni jindikaw it-tqassim tal-kompetenzi fi ħdan il-grupp Akzo Nobel, iżda bl-ebda mod ma jindikaw li dawn il-kompetenzi ġew effettivament eż-żejtati fil-kuntest tal-ksur in kwistjoni. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li din l-aħħar dikjarazzjoni mhijiex rilevanti, f'dan l-istadju ta' l-eżami, li huwa ddedikat għall-eżiżenza ta' influwenza min-naħħa ta' Akzo Nobel fuq il-politika kummerċjali tal-kumpanniji sussidjarji tagħha u mhux għall-kwistjoni ta' jekk Akzo Nobel intervjienietx, fi ħdan dawn ta' l-aħħar, spċificament fir-rigward tal-ksur in kwistjoni (ara l-punt 58 iktar 'il fuq).
- 81 F'dak li jirrigwarda r-relazzjoni organizzattivi bejn il-kumpanniji sussidjarji tal-grupp Akzo Nobel ikkonċernati mid-deċiżjoni u s-sotto fergħa kummerċjali tal-metilamini u tal-kloru tal-kolin, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, kif osservaw ir-rikorrenti (ara l-punt 33 iktar 'il fuq), Akzo Nobel Chemicals International, Akzo Nobel Chemicals u Akzo Nobel Functional Chemicals huma l-“proprietarji”, b'mod partikolari, ta' l-attivitàjet imwettqa mill-imsemmija sotto fergħa. Peress li d-deċiżjoni setgħet tiġi indirrizzata biss lill-entitajiet li għandhom personalita legali (ara l-punt 59 iktar 'il fuq), li barra minn hekk ikunu pparteċipaw direttament fil-ksur jew li jkunu s-suċċessuri ta'

l-entitajiet li jkunu pparteċipaw f'dan il-ksur (ara l-punt 11 iktar 'il fuq), ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw, b'mod utli, li l-Kummissjoni kellha tagħmel distinzjoni bejn id-determinazzjoni tal-politika tal-fergħat jew sotto fergħat kummerċjali tal-grupp u d-determinazzjoni tal-politika tal-kumpanniji sussidjarji ta' Akzo Nobel. F'kull każ, fil-punti 16, 17 u 54 tar-replika tagħhom ir-rikorrenti indikaw li l-kwistjoni ewlenija kienet dik ta' jekk huma invertewx il-preżunzjoni li tgħid li Akzo Nobel kienet eżerċitat influwenza determinanti kemm kemm fuq is-sotto fergħa kummerċjali kkonċernata u kif ukoll fuq il-kumpanniji sussidjarji kkonċernati mid-deċiżjoni.

- ⁸² F'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi deċiż, hekk kif isir fil-premessu 173 tad-deċiżjoni, li l-personal kompetenti u fuq kollo l-amministrazzjoni ta' Akzo Nobel kienu jintervjenu kunsiderevolment fir-rigward ta' diversi aspetti essenzjali ta' l-istratēġija tal-kumpanniji sussidjarji in kwistjoni, u dan billi jirriżervaw id-dritt għad-deċiżjoni finali fir-rigward ta' serje ta' suġġetti li jiddefinixxu d-direzzjoni ta' l-azzjoni tagħhom fis-suq.
- ⁸³ L-argument li jgħid li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-prezzijiet ta' bejgħ u ż-żidiet fil-prezzijiet jittieħdu, bħala prinċipju, mid-diretturi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti kkonċernati li joperaw fi ħdan il-kumpanniji sussidjarji rispettivi tagħhom, u b'mod partikolari mid-direttur tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kloru tal-kolin (ara l-punti 38 u 41 iktar 'il fuq), ma jistax ibiddel din il-konklużjoni. Dan jgħodd ukoll f'dak li jirrigwarda l-argumenti bbażati fuq l-istruttura tal-grupp Akzo Nobel fuq żewġ livelli, li l-għan tagħha huwa li tissostitwixxi l-politika kummerċjali *stricto sensu* għall-kontroll ta' Akzo Nobel (ara l-punt 38 iktar 'il fuq). Fil-fatt, kif ġie osservat fil-punt 58 iktar 'il fuq, l-imputazzjoni ta' l-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' kumpannija sussidjarja lill-kumpannija prinċipali tagħha ma teħtieġx il-prova li l-kumpannija prinċipali tinfluwenza l-politika tal-kumpannija sussidjarja tagħha fil-qasam speċifiku li kien is-suġġett tal-ksur, li kien jirrigwarda, f'dan il-każ, id-distribuzzjoni u l-prezzijiet. Min-naħħa l-oħra, ir-rabtiet organizzattivi, ekonomiċi u legali, li jkun hemm bejn il-kumpannija prinċipali u l-kumpannija sussidjarja tagħha jistgħu jistabilixxu l-eżistenza ta' influwenza min-naħħa ta' din ta' l-ewwel fuq l-istratēġija ta' din ta' l-aħħar u, għalhekk, jiġiustifikaw li dawn jiġu kkunsidrati bħala entità ekonomika waħda.

- ⁸⁴ L-argument ibbażat fuq l-eżistenza ta' bordijiet ta' diretturi fi ħdan kull kumpannija sussidjarja (ara l-punt 40 iktar 'il fuq) mhuwiex konvinċenti. Fil-fatt, kull kumpannija b'responsabbiltà limitata għandha bord tad-diretturi maħtur mill-azzjonisti tagħha, f'dan il-każ minn Akzo Nobel. Min-naħa l-oħra, f'dan ir-rigward fil-punt 45 tar-replika tagħhom ir-rikorrenti indikaw li l-viċi presidenti tal-grupp (li jmexxu l-fergħat kummerċjali) jiġu nnominati mill-presidenti tad-diviżjonijiet tal-prodotti kimiċi tal-grupp, wara l-approvazzjoni tal-membru kompetenti tal-Bord tad-Diretturi ta' Akzo Nobel. Huma jagħtu r-rendikont tagħhom lill-president ta' Akzo Nobel Chemicals, li, min-naħa tiegħu, jagħti r-rendikont tiegħu lill-membru kompetenti tal-Bord tad-Diretturi ta' Akzo Nobel. Barra minn dan, il-magazin internazzjonali intern maħruġ minn Akzo Nobel (ara l-punt 39 iktar 'il fuq) jindika li l-viċi president tal-grupp li jmexxi fergħa kummerċjali jiġgarantixxi l-kuntrroll ġerarkiku fi ħdan din ta' l-aħħar.
- ⁸⁵ Għalhekk, anke jekk jities li l-argument tar-rikorrenti li jirrigwarda l-oneru tal-prova, espost fil-punt 37 iktar il-fuq, huwa korrett, xorta jibqa' l-fatt li huma ma rnexxilhomx jinvertu l-preżunzjoni li tħid li Akzo Nobel, kumpannija prinċipali li għandha 100 % tal-kapital tal-kumpanniji sussidjarji kkonċernati mid-deċiżjoni, kienet teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika ta' dawn ta' l-aħħar. Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li, flimkien ma dawn ta' l-aħħar, Akzo Nobel tikkostitwixxi impriżza fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi vverifikat jekk Akzo Nobel eż-żejt influwenza fuq l-aġir in kwistjoni. Konsegwentement l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003

L-argumenti tal-partijiet

- ⁸⁶ Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni, billi imponiet *in solidum* il-multa lill-Akzo Nobel Functional Chemicals, kisret il-limitu ta' 10 % tal-fatturat previst mill-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Fil-fatt, peress li l-fatturat li Akzo Nobel

Functional Chemicals għamlet matul l-2003 kien ta' EUR 124.5 miljun, l-ammont tal-multa (EUR 20.99 miljun) qabeż dan il-limitu.

- ⁸⁷ Konsegwentement, peress li r-responsabbiltà ġiet inġustament attribwita lill-Akzo Nobel, ma teżistix entità ekonomika waħda li tista' tiġġustifika l-kalkolu tal-limitu ta' 10 % abbażi tal-fatturat konċunt. Barra minn hekk, skond id-deċiżjoni, Akzo Nobel Chemicals, Akzo Nobel Chemicals International u Akzo Nobel Nederland kienu pparteċipaw direttament fil-ksur mingħajr ma' l-Kummissjoni kkonstatat li waħda minnhom kienet teżerċita influwenza determinanti fuq oħra.
- ⁸⁸ Il-Kummissjoni tiddikjara li hija kkalkolat il-limitu ta' 10 % abbażi tal-fatturat konsolidat ta' Akzo Nobel. Fil-fatt, il-kelma "impriża" għandha l-istess sens kemm fir-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll fl-Artikoli 81 KE u 82 KE. Issa, Akzo Nobel ġiet rikonoxxuta bħala responsabbi minħabba li hija kienet tikkostitwixxi, flim-kien mal-kumpanniji sussidjarji tagħha kkonċernati mid-deċiżjoni, impriża fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball fir-rigward tal-kalkolu tal-limitu.
- ⁸⁹ Anke jekk jiġi meqjus li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta imputat ir-responsabbiltà *in solidum* lill-Akzo Nobel, l-ewwel nett, xorta waħda jibqa' l-fatt li r-rikorrenti ma bbażawx it-tieni motiv tagħihom fuq tali żball. Il-fatt li dan ġie elaborat b'dan il-mod għall-ewwel darba biss fir-replika jikkostitwixxi, fil-verità, motiv ġdid u inammissibbi skond l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Priċedura. It-tieni nett, ir-rikorrenti ma talbux tnaqqis ta' l-ammont tal-multa fil-kuntest ta' l-eżerċiżju tas-setgħa ta' ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-każi li hija tiddeċiedi li l-Kummissjoni ma kelliex tindirizza d-deċiżjoni lill-Akzo Nobel. It-tielet nett, ir-rikorrenti ma allegawx li l-kumpanniji sussidjarji ta' Akzo Nobel ma kinux jikkostitwixxu impriża fis-sens tar-Regolament Nru 1/2003.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

- ⁹⁰ Għandu jiġi osservat li l-fatt li multa tiġi imposta *in solidum* fuq diversi kumpanniji minħabba li huma jikkostitwixxu impriżza fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE ma jfis-sirx li, f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-limitu previst mill-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, l-obbligu ta' kull waħda minnhom huwa limitat għal 10 % tal-fatturat li hija tagħmel matul l-aħħar sena finanzjarja. Fil-fatt, il-limitu ta' 10 %, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-fatturat konġunt tal-kumpanniji kollha li jikkostitwixxu l-entità ekonomika unika li topera bħala impriżza fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE, peress li huwa biss il-fatturat konġunt tal-kumpanniji li jikkostitwixxu l-impriżza li jista' jikkostitwixxi indikazzjoni tad-daqs u tas-saħħha ekonomika ta' l-impriżza in kwistjoni (sentenza HFB *et vs* Il-Kummissjoni, punt 57 iktar 'il fuq, punti 528 u 529).
- ⁹¹ Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li wasslu għaż-ċaħda ta' l-ewwel motiv, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball meta ġadet il-fatturat konsolidat ta' Akzo Nobel bħala referenza għall-kalkolu tal-limitu in kwistjoni. Għalhekk it-tieni motiv għandu jiġi miċħud mingħajr ma jkun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni fuq l-eċċeżżjoni ta' inammissibblità imressqa mill-Kummissjoni.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

- ⁹² Ir-rikorrenti jsostnu li r-raġunament segwit mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' Akzo Nobel kien ibbażat fuq motivi żbaljati, fis-sens li l-elementi

fattwali invokati għal dan il-għan mħumix suffiċjenti u xierqa sabiex tintlaħaq din il-konklużjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma spjegatx għaliex hija imponiet lill-Akzo Nobel Functional Chemicals multa li kienet aktar minn 10 % tal-fatturat tagħha. Dawn il-vizzji jagħmlu l-motivazzjoni tad-deċiżjoni insuffiċjenti, x'aktarx ineżistenti, u dan jiġiustifika, fih innifsu, l-annullament tad-deċiżjoni.

- ⁹³ Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza ta' dan l-argument. Fil-fatt, fil-premessi 172 sa 175, id-deċiżjoni tinkludi motivazzjoni ċara fir-rigward tar-responsabbiltà ta' Akzo Nobel. Fir-rigward tal-multa imposta lill-Akzo Nobel Functional Chemicals, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija ma kinitx obbligata li timmotiva l-kalkolu tagħha peress li l-limitu ta' 10 % ma kienx inqabeż. F'kull każ, id-deċiżjoni pprovdiet lir-rikorrenti l-elementi kollha meħtieġa sabiex dawn iressqu r-rikors tagħhom u jesponu l-argumenti tagħhom. Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu, skond il-Kummissjoni, jiġi wkoll miċħud kollu kemm hu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

- ⁹⁴ F'dak li jirrigwarda l-motivazzjoni dwar ir-responsabbiltà ta' Akzo Nobel, għandu jiġi mfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali li għandu jiġi distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, ħaġa li taqa taħt il-legalità tal-mertu ta' l-att ikkontestat (ara s-sentenza tal-Qoti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 2001, Franza vs Il-Kummissjoni, C-17/99, Ġabro p. I-2481, punt 35, u l-ġurisprudenza ccītata).

- ⁹⁵ F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-parti tal-motiv li tirrigwarda r-responsabbiltà ta' Akzo Nobel tikkonċerna l-fondatezza tal-motivi tad-deċiżjoni, li l-eżami tagħhom sar fil-kuntest ta' l-ewwel motiv (ara l-punti 67 sa 85 iktar 'il fuq). Mill bqijs, peress li din il-parti ta' dan il-motiv la tqajjem u lanqas ma ssostni ksur tar-rekwiżiti proċedurali essenzjali, din mhijiex fondata fuq il-fatti.

- 96 Barra minn hekk, safejn dan il-motiv jirrigwarda l-fatturat ta' Akzo Nobel Functional Chemicals, dan għandu jiġi miċħud minħabba li, fin-nuqqas tal-qbiż tal-limitu tal-fatturat li seta' jiġi legalment ikkunsidrat (ara l-punti 90 u 91 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li speċifikament timmotiva l-ammont tal-multa fir-rigward ta' din il-kumpannija. Għaldaqstant it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.
- 97 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmulin iktar 'il fuq ir-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

- 98 Skond l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbat l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-riktorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV huma kkundannati għall-ispejjeż.

Meij

Forwood

Papasavvas

Mogħtija fil-Qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Diċembru 2007.

E. Coulon

A. W. H. Meij

Reġistratur

Aġent President

Werrej

Il-fatti li wasslu ġħall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata	II - 5055
Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet	II - 5061
Id-dritt	II - 5063
1. Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors fir-rigward ta' Akzo Nobel Nederland, ta' Akzo Nobel Chemicals International u ta' Akzo Nobel Chemicals	II - 5063
L-argumenti tal-partijiet	II - 5063
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza	II - 5064
2. Fuq il-mertu	II - 5065
Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-imputazzjoni żbaljata ta' responsabbiltà in solidum lill-Akzo Nobel	II - 5065
L-argumenti tal-partijiet	II - 5065
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza	II - 5073
— Osservazzjonijiet preliminari fuq l-imputabbiltà ta' l-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' kumpannija sussidjarja lill-kumpannija prinċipali	II - 5073
— Fuq l-eżistenza ta' entitá ekonomika unika bejn Akzo Nobel u l-kumpanniji sussidjarji tagħha kkonċernati mid-deċiżjoni	II - 5077
Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003	II - 5082
L-argumenti tal-partijiet	II - 5082
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza	II - 5084
Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni	II - 5084
L-argumenti tal-partijiet	II - 5084
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza	II - 5085
Fuq l-ispejjeż	II - 5086
	II - 5088